

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2021 – Automobiles Citroën vs EUIPO – Polestar (Dispożittiv ta' żewġ angoli bil-maqlub)**(Kawża T-625/21)**

(2021/C 471/82)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet*Rikorrent:* Automobiles Citroën (Poissy, Franza) (rappreżentant: C. Weyl, lawyer)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Polestar Holding AB (Götenborg, l-Iżvezja)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Proprietarju tad-disinn kontenzjuż:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell*Disinn kontenzjuż ikkonċernat:* Trade mark figurattivi tal-Unjoni Ewropea (Dispożittiv ta' żewġ angoli bil-maqlub) – Trade mark tal-Unjoni Nru 16 896 532*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Lulju 2021 fil-Każ R 504/2020-4**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (EU) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (EU) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Settembru 2021 – Segimerus vs EUIPO – Karsten Manufacturing (MONSOON)**(Kawża T-627/21)**

(2021/C 471/83)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet*Rikorrent:* Segimerus Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: G. Donath, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Karsten Manufacturing Corp. (Phoenix, Arizona, l-Istati Uniti)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “MONSOON” – Trade mark tal-Unjoni Nru 10 469 906

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Lulju 2021 fil-Każ R 1125/2020-4

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 59(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Settembru 2021 – Ereġli Demir ve Çelik Fabrikaları et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-629/21)

(2021/C 471/84)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorreni: Ereġli Demir ve Çelik Fabrikaları TAŞ (Istanbul, it-Turkija), İskenderun Demir ve Çelik AŞ (Payas, it-Turkija), Erdemir Çelik Servis Merkezi Sanayi ve Ticaret AŞ (Gebze, it-Turkija) (rappreżentanti: J. Cornelis u F. Graafsma, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorreni jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1100 tal-5 ta' Lulju 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti llaminati bis-sħana tal-ħadid, tal-azzar bil-karbonju jew azzar illigat ieħor li joriġinaw mit-Turkija (ĠU 2021, L 238, p. 32); u
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż imġarrba mir-rikorreni.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorreni jinvokaw erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 2(10)(j) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (!) sa fejn saret konverżjoni tal-munita li ma kinitx neċessarja. Ir-rikorreni jsostnu, barra minn hekk, li l-parti introduttiva tal-Artikolu 2(10) u l-Artikolu 2(5) tar-Regolament 2016/1036 kienu ġew miksuru wkoll inkwantu l-ispejjeż ma kinux ġew stabbiliti fuq il-bażi tad-dokumenti tal-kontabbiltà tar-rikorreni.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 2(10)(j) tar-Regolament 2016/1036 kif ukoll tal-Artikolu 2.4 tal-Ftehim Antidumping tal-WTO u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba sa fejn aġġustament abbażi tal-iħħeġġjar ta' qligħ u ta' telf ġie miċħud.